

## Fit-375 Sena mit-Twaqqif tal-Kolleġġjata Elenjana

Fil-ħamsa ta' Diċembru 1630, fuq talba ta' Dun Filippu Borg li kien il-kappillan ta' Birkirkara, il-Papa Urbanu Tmienja waqqaf fil-knisja parrokkjali ta' dan il-lokal, dik li tissejjaħ Kolleġġjata. L-għan dikjarat ta' Dun Filippu, li kien sinjur mill-familja, kien li: *Jibdel il-ġid ta' l-art f'dak tas-sema.* B'din il-fondazzjoni Dun Filippu kien waqqaf tnax-il kanonikat u Prepositura. Fl-1771 imbagħad, Dun Perin Borg, li kien kanonku Dekan ta' l-istess Kolleġġjata, żied ma' dawn erba' kanonikati oħra.



*Il-Mazza Kapitulari*

### Xi tkun kolleġġjata

Kolleġġjata jfisser li fi knejjes hekk imsejħin, il-qassisin ikunu jifformaw parti minn kulleġġ jew grupp li jkollhom ukoll regoli kif għandhom jitmexxew, u li suppost jgħixu ħajja prattikament f'komunita` flimkien f'bini apposta li jkun jissejjaħ kulleġġ.

Il-kolleġġjati twaqqfu fuq il-mudell tal-knejjes katidrali. Il-kanonċi, kif jissejħu l-qassisin membri ta' kolleġġjata, għandhom drittijiet u dmirijiet, iżda m'għandhomx sehem fit-*tmexxija* tad-djoċesi. L-għan ewlieni tagħhom hu li tingħata aktar solennita` liċ-ċelebrazzjoni ta' l-Uffiċċju Divin – jew kif insejħulu wkoll illum *il-liturġija tas-sigħat*, fil-kor ta' l-istess kolleġġjata, kif ukoll f'ċelebrazzjonijiet oħra.



*Il-Virġa tal-Kantur*

It-twaqqif ta' kolleġġjata jsir bl-awtorita` tal-Papa fuq ċerti kundizzjonijiet, fosthom: id-dinjita` tal-lokal, numru kbir ta' qassisin u ta' nies abitanti, id-daqs u l-ġmiel tal-knisja, is-sbuħija ta' l-oġġetti li jkunu jinsabu fiha, u renti jew flus biżżejjed biex jitħallsu l-*prebendi* (speċi ta' pagi) tal-kanonċi.

Hawn ta' min ifakkar li f'dik is-sena li saret il-kolleġġjata f'Birkirkara, bit-tħabrik ta' l-istess kappillan Dun Filippu Borg, kienet qed tinbena dik li llum hi magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima bħala knisja parrokkjali.

Għalkemm il-knejjes kolleġġjati normalment ikunu taħt it-tmexxija ta' l-Isqof tad-djoċesi fejn ikunu, madankollu mhumiex obbligati jagħtu servizz minbarra fil-knisja tagħhom u dawk tal-parroċċa, jekk mhux f'każi ta' ħtieġa jew minħabba użanza differenti. Anqas il-kapitlu ta' katidral ma jista' jindaħal lil kapitlu ta' kolleġġjata, sakemm dan jibqa' fil-linja tad-drittijiet u privileġġi tiegħu.

Kolleġġjata tista' tkun *Insinji* j(bħal fil-każ ta' Birkirkara) jew *mhux Insinji.* Iżda m'hemmx regoli fil-liġi tal-knisja, li jiddistingwu bejn dawn it-tnejn. Iżda l-esperti jiddikjaraw li kolleġġjata tkun insinji, jekk tkun il-knisja ewlenija tal-lokalita`, ikollha preċedenza fil-funzjonijiet solenni, tkun antika u magħrufa għall-istrutturi tal-formazzjoni tagħha u l-għadd tad-dinjitarji u tal-membri.

## Kura ta' l-Erwieħ

Meta knisja parrokkjali titgħolla għad-dinjita` ta' Kolleġġjata, id-dritt tal-kura ta' l-erwieħ mhux bilfors ikun tal-kapitlu, iżda jista' jitħalla f'idejn kappillan. Dan kien il-każ f'Birkirkara, fejn Dun Filippu, meta waqqaf il-Kolleġġjata Elenjana fl-1630, kien għamel ukoll *Vigarju Perpetwu* jew kappillan, li ma kienx parti mill-kapitlu. Dan il-kappillan, f'Birkirkara kien tgħolla għad-dinjita` ta' Arċipriet fl-1692, iżda anqas f'dik iċ-ċirkustanza ma kien ingħaqad mal-kapitlu. Imma fl-1751, l-Arċipretura ta' Birkirkara ngħaqdet mal-Prepositura, u allura ġiet ukoll parti mill-kapitlu.

Huwa għalhekk li dak li band'oħra, dak li jissejjaħ kappillan, f'Birkirkara nsejħulu Prepostu, li propjament hu l-ewwel dinjita` jew kariga għolja, tal-kolleġġjata. Imbagħad bejn l-1981 u l-1994, dawn iż-żewġ karigi reġgħu nħallu minn xulxin, u kif niftakru għal kważi ħmistax-il sena, f'Birkirkara reġa' kellna Prepostu għalih u Arċipriet għalih. Imbagħad reġgħu ngħaqdu flimkien mill-ewwel ta' Jannar tal-1995.

Il-kapitlu ta' knejjes kolleġġjali, skond il-liġi *komuni*, għandhom id-dritt li jeleġġu jew jippreżentaw kandidati għad-dinjitajiet jew kanonikati tal-kapitlu tagħhom. Iżda d-dritt tal-konferma u l-ħatra huwa ta' l-isqof. Sar ħafna tibdil ta' dawn id-drittijiet, minħabba digrieti speċjali jew drawwiet, u minħabba l-mod li bih jitmexxew l-affarijiet. Iridu jittieħdu wkoll in konsiderazzjoni dawk li jissejħu *riservi ponifiċji*, jew id-drittijiet li l-Papa jkun irriserva għalih.



*Salib Pettorali*

## Formazzjoni tal-Kapitlu Elenjan

### Il-Kanoniċi

Minbarra l-Prepostu, fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara hemm sittax-il kanonikat li meta jitbattlu, jingħażlu mill-istess Kapitlu. Id-dmirijiet prinċipali tagħhom huma li:

- Jgħidu l-Brevjar, jew talb tal-liturġija tas-sigħat, flimkien fil-Kor.
- Jattendu għall-funzjonijiet liturġiċi u jieħdu ħsieb dawn matul is-sena.
- Jqaddsu l-quddiesa konventwali.
- Jaqdi l-knisja b'servizz mill-aħjar u jamministra tajjeb il-propjeta` tagħha.
- Jilbes l-ilbies liturġiku jew korali stabbilit (fosthom il-kappa manja u ċ-ċurkett) fil-funzjonijiet.
- Fil-laqgħat tal-Kapitlu il-kelma u l-vot tal-kanonċi kollha, inkluż il-Prepostu, huma ndaqs.
- Skond drawwa antika l-kanonċi ta' Birkirkara jibqgħu bil-berittin (kappell iswed) fil-knisja wkoll.
- Isejħu laqgħat kapitolari (nhar ta' Ħamis) u jagħżlu prokuraturi u amministraturi.



*Sedja Prepositali*

### Il-Prepostu u Arċipriet

Huwa l-ewwel dinjita` fil-Kapitlu u jingħata mis-Santa Sede. Fil-Kor, iżda mhux fl-Awla (sala fejn isiru l-laqgħat) tal-Kapitlu, għandu sedja differenti li tissejjaħ ***Sedja Prepositali.*** Hu jista' jsejjaħ laqgħat tal-Kapitlu fil-ġranet l-oħra mhux il-Ħamis. Jagħti l-pussess lill-kanonċi onorarji u dawk li jibdlu l-kariga fil-fundazzjoni Pierina.

Għall-ewwel 120 sena, l-Prepostu ma kellux ukoll il-kariga tal-kura ta' l-erwieħ, iżda kien hemm kappillan li anqas ma kien membru tal-Kapitlu. Fl-1692 l-kappillan ta' Birkirkara beda jissejjaħ Arċipriet, iżda mill-bqija ma nbidel xejn. Fl-1751 dawn iż-żewġ karigi ngħaqdu f'waħda u hekk il-Prepostu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara beda jkun ukoll Arċipriet (jieħu ħsieb ukoll il-parroċċa).

### Id-Dekan

Id-Dekan huwa t-tieni dinjita` jew kariga wara l-Prepostu u jkun l-aktar kanonku anzjan fil-kapitlu. Fost l-oħrajn, huwa jassisti lill-Prepostu bħala ***Presbyter Assistens*** f'ċerimonji importanti u jżomm iċ-ċwievet ta' fejn jinżammu d-dokumenti tal-Kapitlu. Din il-karga kienet ikkonfermata mill-Papa Piju IX fl-1859.

**Il-Kantur**

Dinjita` oħra u kariga li saret permezz tat-tieni fundazzjoni, dik ta' Dun Perin (1771). Huwa għandu d-dmir li jgħallem il-kant u jintona l-kant lill-Prepostu fil-funzjonijiet li fihom juża l-***Virga*** ndurata.

**It-Teżorier**

Dinjita` ukoll u kariga oħra tat-tieni fundazzjoni, u dan għandu d-dmir li jieħu ħsieb iċ-ċwievet u jgħallem il-Latin.

**Il-Penitenzier**

Il-kanonku li jkollu din il-ħatra jkun irid jamminstra s-sagrament tal-qrar fost in-nies tal-parroċċa. Dan jingħażel b'eżami mwettaq mill-Isqof.

**It-Teologu**.

Dan il-kanonku għandu d-dmir li jgħallem u jfisser it-tagħlim tal-Knisja.

## Sinjali Oħra tal-Kapitlu

---

**Salib Pettorali**

Dan hu salib tad-deheb li jiddendel b'lazz b'ħajt tad-deheb ukoll għal fuq sider il-kanoniċi meta jkunu bl-ilbies korali jew bis-suttana. Dawn kienu ngħataw mill-Papa Piju IX, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax.

**Mazza Kapitulari**

Hija mazza tal-fidda bħala sinjal ta' awtorita` li tintuża meta l-kapitlu jkun jiffunzjona f'ċelebrazzjonijiet reliġjużi u purċissjonijiet. Din kienet ingħatat mill-Papa Piju X fl-1912.

**Philip Xuereb**

Referenzi:


Catholic Encyclopedia – Internet.

Vella E. B. – Storja ta' Birkirkara (1934)